<u>**Tribunal Industrijali**</u>

**Decizjoni Numru: 2583**

<u>**Kaz Numru: 3100/AM**</u>

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Dennis Vella**

**Vs**

**Dragonara Gaming Limited**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Nhar il-Gimgha 15 ta' Marzu, 2019**

<u>**Chairperson: Dr. Anna Mallia LL.D., LL.M.(lond)., Dip.Tax (MIT)**</u>

It-Tribunal,

<u>**Talbiet tar-rikorrent**</u>

Ra d-dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrent Dennis Vella li permezz taghha qed jitlob li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu mill-kumpanija ntimata ma kinitx ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi, u li dan it-Tribunal jiffissa kumpens adegwat u sussegwentement jordna lill-kumpanija ntimata sabiex thallas dik is-somma hekk iffissata bhala kumpens minhabba t-terminazzjoni ngusta ta' l-impjieg tieghu.

<u>**Skond ir-rikorrent il-fatti tal-kaz kienu dan li gej:**</u>

Li huwa kien impjegat mas-socjeta' ntimata b'kuntratt idefinit bhala security officer li flimkien ma' ohrajn kien jiehu hsieb li jimxi kollox sew fil-casino.

Li bhala paga bil-gaming tips huwa kien jaqla' average ta' €1,100 f'idejh; li kellu relazzjoni tajba ma' kulhadd fuq il-post tax-xoghol; li qatt ma rcieva ebda tip ta' canfira jew rapport la verbalment u lanqas bil-miktub.

Gara li minghalih kien fl-1 ta' Settembru, 2012, li cempillu Eric Schembri Acting Assistant Security Manager li qallu biex l-ghada jehodha leave izda ma qallux ghal xhiex. Meta huwa qallu li m'ghadx ghandu leave hlief ghal jumejn ghax kien hadhom kollha meta kellu x-shingles s-sena ta' qabel, Schembri qallu fis-6.30am cioe' nofs siegha qabel ma spicca il-jum tax-xoghol tieghu biex jippancja u jmur id-dar. Filghaxija cempillu u qallu jaghmel

statement u li l-ghada jehdoha off. Huwa fakkru li kull ma fadalu jumejn leave izda huwa qallu hudhom xorta. Meta saqsieh ghaliex huwa qallu li dan minhabba dak li gara fl-1 ta' Settembru ghax skond hu huwa ta dahru lill-klijent kif jidher mill-video.

Ir-rikorrent jghid li bejn is-6am u s-6.30am tal-1 ta' Settembru, 2012, kien hemm klijent bilqeghda fit-tarag u huwa kien xi ghoxrin pass il boghod minnu li kien xurban u beda jghajjat lejh u jghidlu "hey you get me a f…in taxi." Huwa wiegbu bl-Ingliz biex jekk ma jimpurtax ikellmu sewwa u qallu li fejn kien huwa ma kellux linja ghal barra u li ghalhekk huwa kellu bzonn jitla' fir-reception. Dan irrispondih " No it's your"fu..ing job, I pay your salary here." Huwa ma wiegbux lura u hallih jghajjat u kif dahal gewwa rega' beda jargumenta mieghu u jkellmu baxx. Huwa njorah biex ma jinqalax iktar inkwiet u li skond ir-regoli tax-xoghol huwa ma setghax imur fis-sular ta' fuq ghalih jew mieghu ghaliex kien assenjat ghal dak il-jum ghas-sular ta' isfel u ghalhekk ma setghax jiccaqlaq.

Il-klijent tela' fuq u kellem lill-Assistant Manager Julie Stagno li din ghajjtet lil Eric Schembri u qaltlu biex huwa jaghmel statement. Huwa ghamel statement kif qallu Schembri u wara qallu biex imur id-dar.

Il-Hadd jidhrilu li kienet il-gurnata meta cempillu ghand ommu Mr Sarell security surveillance manager u saqsa lil ommu biex ikellmu u huwa mar il-Casino u ma sabux ghax kien lahaq telaq. L-ghada cempillu u ftehmu ghas-saghtejn meta mar kien hemm Sarell, Eric Schembri, Marianne Mizzi u Svetlana Buckova li ma tantx kienet ilha hemm bhala Human Resources Manager. Hija qaltlu li "the board decided to terminate your job on disciplinary grounds.' Huwa telaq il-barra kif qaltlu hekk.

Huwa jikkontendi li twissijiet qatt ma nghata mentri mpjegati ohra ghandhom lista twila ta' twissijiet li ma ghamlulhom xejn u qatt ma baghtuhom lejn id-dar meta jinqala' xi haga anki fost is-security. Suppost li meta jkun hemm klijent fis-sakra lanqas jidhol il-Casino. Hafna drabi ghalkemm huwa kien jilmenta li jkunu fis-sakra jghidulek "ghalissa hallih" mentri s-sidien l-antiki kienu jghidulhom biex johorguhom dawn il-klijenti fis-sakra barra mis-sala bil-pulit. Il-persuna li ghamlet ilment dwaru kien fil-fatt diga' barra u pogga bil-qieghda fit-tarag.

Mall-ETC huma kitbu li keccewh ghal ragunijiet ta' dixxiplina u mall-Awtorita' Nazzjonali tax-Xoghol huwa rebah l-ilment tieghu u gie awtorizzat sabiex jirregistra. Il-kumpanija ntimata diga' dahlet lil haddiehor minfloku li skond hu zgur li ma tezistix good and sufficient cause skond il-ligi biex huwa jitkecca u ghalhekk kellu jaghmel dawn il-proceduri.

**<u>Stqarrija tal-kaz tas-socjeta' ntimata</u>**

Fl-istqarrija taghha tas-6 ta' Frar, 2013, s-socjeta' ntimata kkunsidrat li r-rikorrent abbanduna l-impjieg tieghu skond il-provvedimenti tal-procedura applikabbli wara li naqas milli jattendi ghax-xoghol ghal jumejn jew aktar u dan fl-isfond tal-fatt li qabel huwa kien involut f'episodju li kellu aspetti dixxiplinarji kif jigi spjegat waqt is-smiegh; li r-rikorrent kien gab ruhu b'mod mhux accettabbli ma' klijent u ta' dan kien ser jinghata twissija serja: waqt li l-kaz kien qed jigi trattat huwa gie avzat biex ma jibqax fuq il-post tax-xoghol ghall-ahhar

nofs siegha tal-gurnata u li ma jidholx ghax-xoghol temporanjament izda wara ftit gie dirett jidhol biex jiltaqa' mas-superjur tieghu. Ir-rikorrent naqas milli jobdi u baqa' assenti minghajr ma kkuntattja lis-superjuri tieghu tant li ghaddew jumejn u fuqhom u li ghalhekk is-socjeta' hija gustifikata li tterminat l-impjieg.

**<u>Dokumenti esebiti mir- rikorrenti</u>**

Ittra tal-1 ta' Settembru, 2012, mir-rikorrent lil Mr Sarell Security and Surveillance Manager jinfurmah x'gara dakinhar fis-6am.

Ittra tal-10 ta' Settembru, 2012, minghand is-socjeta' ntimata tinfurmah li l-impjieg tieghu mas-socjeta' ntimata gie terminat ghal ragunijiet ta' dixxiplina.

Ittra tat-13 ta' Novembru, 2012, minghand l-Awtorita' Nazzjonali tax-Xoghol tinfurmah li l-kaz tieghu gie milquh.

L-FS3 tieghu tas-sena mill-1 ta' Jannar, 2012, sas-7 ta' Settembru, 2012.

**<u>Dokumenti esebiti mis-socjeta' ntimata</u>**

SM1 – kont tal-mobile li juri d-diversi tentattivi li ghamlet is-socjeta' ntimata biex tikkomunika ma' Vella (seduta 08.04.2013).

SM2 – ittra tat-8 ta' Settembru, 2012, li Sarel Maree xehed li baghat by hand lil Vella jinfurmah li l-ghada fid-9 ta' Settembru, 2012, huwa ghandu jidhol xoghol fis-7am (seduta 08.04.2013).

SM3 – ittra tad-9 ta' Settembru, 2012, li sarel Maree rega' baghat lil Vella jinfurmah li huwa ma marx xoghol fid-9 ta' Settembru fix-xhift li beda fis-7am u li ghalhekk fl-10 ta' Settembru, 2012, fl-10am huwa kellu jattendi ghal laqgha mall-kumpanija u jekk ma jaghmilx dan il-kumpanija tqisu bhala li abbanduna ix-xoghol (seduta 08.04.2013).

SM4 u SM5 – emails bejn Maree u mpjegati tal-kumpanija (seduta 08.04.2013).

SM6 – incident report tal-1 ta' Settembru, 2012, liema report jghid 'Pending the statement a decision will made to suspend the staff member in question awaiting a disciplinary hearing' (seduta 08.04.2013).

Traskrizzjoni ta' sms mibghut lir-rikorrent Sarel Maree (seduta 08.04.2013).

Dok ABX – cd li fih l-video tal-cameras li kien hemm barra dakinhar li sehh l-incident.

**<u>Provi Socjeta' Ntimata</u>**

Fix-xhieda tieghu **Sarel Maree** (seduta 08.04.2013) Surveillance and Security Manager mas-socjeta' ntimata li Eric Schembri kien infurmah b'dan li gara bejn ir-rikorrent u l-klijent , li r-rikorrent kien rude mall-klijent u li r-rikorrent spicca ma jirrapurtax ghax-xoghol ghalkemm

kien ordnat jidhol lura x-xoghol. Huwa kkuntatjah personalment u wara qallu li kellu t-telephone bil-hsara ghalkemm kien kellmu. Id-duty manager certu Juliana, riedet li Vella jigi sospiz u Schembri qallha li mhux ser jissospendih biex izomm il-kwiet u qallu biex jitla' d-dar nofs siegha qabel. Huwa ra l-video izda barra ma hemmx l-awdjo u fis-security reception hemm l-awdjo. Huwa ra lill-klijent li kien klijent kbir taghhom jidhol fil-main reception jitlob taxi li tkun b'xejn biex jiehdu d-dar wara li kien ilu barra jistenna fuq it-tarag. Huwa ra lir-rikorrent jkellmu barra izda peress li barra ma hemmx awdjo ma setghax jisma' dak li nghad bejniethom li dam xi 49 sekonda. Huwa rahom jippuntaw lejn xulxin u ra lil Vella jidhol fis-security reception u l-klijent certu Mr Osman imur lura fil-main reception jistenna lir-receptionist tlesti u wara talab ghad-duty manager biex iressaq l-ilment tieghu. Hija kellmet lill-klijent u marru barra u peress li bla awdjo ma jafx x'inghad bejniethom izda jaf li l-klijent kien qed jirreferi ghar-rikorrent Vella. Meta huwa dahal fit-taxi huwa rega' ra lil Vella barra s-security reception, hareg mit-taxi u u mar fejn kien hemm id-duty manager fuq it-telephone fis-security reception tkellem lill-assistant security manager Eric Schembri huwa jghid li seta' jisma lill-klijent 'you know why because I'm a customer' u Vella tah dahru u dahal gewwa u l-klijent ikompli jghidlu aktar affarijiet u Eric Schembri qallu biex jikkalma u l-klijent dahal fit-taxi u telaq.

Huwa rega' kkonferma li ghalkemm id-duty manager ried jissospendih Eric Schembri ma riedx u talbu jitlaq nofs siegha qabel mix-xoghol, kellu tlett ijiem off cioe Sibt, Hadd u Tnejn u fl-4 tax-xahar huwa cempilliu fis-13.25 u 13.37 u kellmu fuq it-telephone u nfurmah li z-zewg shifts li kellu fl-4 u fil-5 tax-xahar huwa ma dahalx ghax-xoghol.

Huwa pprezenta s-security roster u l-kont tat-telephone biex jipprova dan.

Fis-6 tax-xahar huwa rega' kellmu u qallu biex jidhol ghax-xoghol l-ghada u qallu li ma jistax minhabba li kellu funeral tal-familja u huwa qallu ok izda qallu li kien ser jerga' jcempillu qabel ix-shift tieghu li jmiss ghax kien jaf li kien ser jinghata warning. Izda mbaghad ma rnexxilux jikkuntattja lil Vella u baghtulu xi ittri.

Vella wara mar il-casino u mis-surveillance footage dan kien fit-8 tax-xahar u wara Vella ma marx ghax-xoghol. Huwa kien ipprova jcempillu fis-7 tax-xoghol izda ma qabdux u anke baghtlu message bil-mobile u dak tat-8 ta' xahar kien l-ahhar messagg li ttekstjalu. F'dan il-messagg huwa qallu li kellu jidhol ghax-xoghol dakinhar fis-7pm izda ma resaqx ghax-xoghol sabiex jikkuntattjah lura. Huwa jghid li meta mar il-casino fit-8 tax-xahar Vella ma kienx liebes ilbies normali mhux tax-xoghol u mar biex jiehu xi haga mil-locker. Frans Farrugia l-assistant surveillance manager rrapurtalu x'kien ghamel Vella.

Maree kompla jixhed li f'ittra minnhom huwa nforma lil Vella li x-xift tieghu tad-9 ta' Settembru kien jibda fis-7am. U din intbaghtet wara li ma kienx mar ghax-xoghol u wara diversi tentattivi biex jikkomunika mieghu nkluz bil-landline li kien halla mar-reception fit-8 ta' Settembru fil-11.13am meta mar biex jiehu xi haga mil-locker. L-ittra intbaghtet by hand fl-indirizz li ghandha l-kumpanija ta' Vella. Izda huwa xorta baqa' ma dahalx ghax-xoghol u fl-10 ta' Settembru, 2012, inbaghtitlu ittra ohra tavzah li jekk jibqa' ma jidholx ghax-xoghol jitqies bhala li abbanduna x-xoghol tieghu u x-xoghol tieghu jigi terminat. Gara li Vella nfurmah li l-mobile tieghu tkisser waqt il-funeral. U l-Bord tad-Direttur iddecieda li jittermina l-kuntratt tax-xoghol ta' Vella ghax ma kienx persuna affidabbli.

In kontro-ezami x-xhud jammetti li l-klijent kien xurban meta gara l-incident. Huwa jammetti li l-ewwel darba li kkuntattja lil Vella kien fl-4 tax-xahar wara li kellu tlett ijiem off. Huwa jammetti li Eric Schembri kien qal lil Vella fl-ewwel ta' Settembru biex jitlaq mix-xoghol nofs siegha qabel. Huma kienu hadu statement lil Vella li fiha stqarr kif kien gara l-incident – kif il-klijent ried taxi fis-6.10 ta' filghodu u Vella qallu jekk trid taxi mur sib wahda inti. Huwa jammetti li meta cempel lil Vella fuq il-landline kellmitu omm Vella u huwa mar il-casino u kellem lil Johann Managing Director u li t-tieni darba li Vella mar il-casino kien fid-9 tax-xahar fejn huwa kellem lil Vella u qallu biex imur l-ghada biex ikellmu u Vella hekk ghamel u nghata t-terminazzjoni tal-impjieg. Huwa jghid li sa dakinhar Vella kien diga' ghamel jumejn barra minghajr ma kkuntattjahom u ghalihom il-kaz ma kienx aktar kaz ta' dixxiplina izda kaz ta' abbandun tax-xoghol.

Mistoqsi in ri-ezami x'inhi l-procedura tal-casino meta klijent ikun xurban huwa wiegeb li minn dak li ra fuq il-video Vella ma kellux jaghti dahru lill-klijent u li skond hu ma hemm ebda ligi li tghid li meta klijent ikun xurban huwa jigi mitlub jitlaq mill-casino. Huwa pprezenta l-messagg lil baghat lil Vella.

**Eric Schembri** xehed fid-29 t'April, 2013, Assistant Security Manager mall-kumpanija ntimata. Huwa rrakonta x'kien qallu Vella li l-klijent li ried taxi u Vella qallu jekk trid mur iccekja inti. Il-klijent mar jirrappurtah lil Julie Staglio l-manager u hija cemplitlu meta kien isfel u sadanittant kemm Vella u l-klijent gew hdejn il-bieb tas-secuirty reception fejn kienu u bdew jitkellmu u Vella tah dahru u dahal gewwa u njorah. Wara l-klijent telaq u l-manager li kien hemm on duty riedet tissospendih fuq li ghamel u huwa ma accettax ghax jekk ghandu jissospendih jissospendih hu peress li huwa kien fuqu. Fl-ahhar tax-xahar qallu biex jitlaq nofs siegha qabel u kellu tlett ijiem off. Is-Sibt, il-Hadd u t-Tnejn.

Sarel Maree, Surveillance and Security Manager, qallu biex Vella jaghmel statement bil-miktub u huwa cempel lil Vella t-Tnejn u gablu l-istatement. Il-bord tad-dixxiplina riedu jaghtu warning. Xejn gravi skond ix-xhud. Difatti l-bord ddecidew li jaghtuh warning ghax din xi haga li mhux xi haga ta' barra minn hawn. Schembri jammetti lil Vella qallu gib statement u li next two days jista' jehodhom off biex jaraw x'ser jigi u ma jigrix u Vella accetta.

Li jigri normalment min jiehu warning imur jew ghand tal-Union u jipprova l-warning igibha file note jew fost jikkomplejnja fuqu izda gara li s-Sibt Vella jidhol xoghol fis-7am u ma marx ghax-xoghol. Huma ppruvaw icemplulu izda kien kollu ghal xejn ghax il-mobile tieghu not in a position to respond u hallew ftit hin jghaddi u x'hin raw li ma dahalx dahhlu lil haddiehor xoghol minfloku dakinhar. Xi tlett sieghat jew erba' sieghat wara Vella tfacca fuq ix-xoghol u dan jafu ghax rah u kien xi l-10am jew l-11am. Is-Security qalulu li ghandu ittra minghand l-Managers u huwa ma ridhiex. Dan kollu jinstema' mill-footage tal-video. Huwa dakinhar ma marx ghax-xoghol tant li kien liebes flokk tac-cingi. Huwa jaf li lil Vella baghtulu ittra biex jattendi ghax-xoghol l-ghada li kien il-Hadd izda huwa rega' ma marx ghax-xoghol u aktar tard huwa mar fuq ix-xoghol qisu biex jisfida skond ix-xhud.

It-Tnejn dahal ghax riedu jkellmuh u qalulu li tterminawlu x-xoghol. Huwa nizel mieghu biex jizbarazza l-locker u ghamel ftit storbju fic-changing room u qallu tort tieghek u telaq.

In kontro-ezami Schembri ammetta li Vella qatt ma kellu warning la miktuba u lanqas verbali. Huwa jghid li lil Vella kien dejjem fl-ahhar sentejn jibghatu nofs siegha qabel ghax kien jghidlu l-mummy daqsxejn ma tiflahx.

Fis-seduta tal-24 ta' Gunju, 2013, is-socjeta' ntimata ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi.

**<u>Provi rikorrent</u>**

Fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2013, xehed ir-rikorrent Dennis Vella li spjega x'gara fl-1 ta' Settembru ghal habta tas-6.30am meta kien qieghed xoghol Security one jigifieri isfel fejn ikun hemm cwievet tas-safes u hareg hdejn il-bieb ta' barra u kif dan il-klijent li kien bilqieghda fit-tarag beda jghajjat bl-Ingliz u biex igiblu a F taxi u huwa qallu biex ma jkellmux hazin u pastaz u li huwa ma setax igiblu taxi u kellu jmur isaqsi ghal taxi fir-reception. Izda l-klijent baqa' jinsisti li kellu jkun huwa li jcempillu ghat-taxi wara li huwa jhallas ghas-salarji tieghu u wara li kien tilef somma kbira ta' flus. Tela' fuq il-klijent u sab lil Julie Stagno l-Assistant Manager u cemplet lil Eric Schembri li spjegalu li ra l-video u li rah jaghti dahru lill-klijent u huwa spjegalu li dahal gewwa ghax il-klijent baqa' jipersisti u jkellmu hazin u qal li l-ahjar haga huwa li jidhol il-gewwa. Schembri qallu ppancja u itlaq ghax inti tajtu dahrek imbaghad jara x'inhu l-kaz u telaq. Huwa spjega li jahdem sierra 1, sierra 2 u sierra 3 jigifieri wiehed isfel, iehor main door reception u iehor jissorvelja l-casino floor. Huwa spjega li ma regax dahal ghax-xoghol ghax hadha li huwa kien sospendut. Huwa jichad li qatt ircieva notification notices minghand Sarel Maree u li l-unika haga li rcieva kien li x-xoghol tieghu kien gie terminat.

Vella jammeti li kienu cemplulu d-dar u ommu rrispondiet it-telephone u ommu qaltlu li cemplu mix-xoghol u huwa mar ix-xoghol biex ikellem lil Sarell izda qalulu li kien ghadu kemm telaq u mbaghad cempillu hu u ghamlu meeting ghall-10am u meta mar qalulu li l-bord iddecieda li jwaqqfu mix-xoghol u r-raguni kienet disciplinary action.

Huwa spjega li fl-1 ta' Settembru dakinhar ta' l-incident Schembri qallu ippancja u itlaq. Imbghad qalu hudha off meta huwa lanqas suppost hadha off ghax il-granet li kellu kienu tas-sena l-ohra u fis-sena kurrenti ma kien fadallu xejn off izda Schembri qallu 'tigix'. Kellu l-mobile mkisser u meta cemplu d-dar u rrispondiethom ommu li ghandha 86 sena, huwa ghamel appuntament u kienet il-gurnata tat-Tnejn u qalulu ha jkellmuk Eric Maryann wahda russa u Sarell u Joe Mallia u kif pogga bilqieghda qalulu li qed jitterminawlu l-impjieg tieghu. Huwa rega' cahad li qatt kellu xi warnings jew canfira la verbali u lanqas bil-miktub.

Fis-seduta tal-21 ta' Novembru kompla jixhed ir-rikorrent li kkonferma li l-ahhar kliem li qallu Eric Schembri kienu ppancja u itlaq u meta staqsih ghaliex qallu ppancja u itlaq. Imbaghad Schembri rega' cempillu u qallu l-ghada tidholx xoghol u baqa' hekk sakemm cemplulu fuq il-landline ghax il-mobile kien imkisser u huwa kien avza lil Schembri li l-mobile kien imkisser. Imbaghad meta cemplulu fuq il-landline huwa mar fuq il-post tax-xoghol.

In kontro-ezami (seduta 12 ta' Gunju 2015) Vella spjega li meta Eric Schembri qallu biex jitlaq huwa hass li tkecca mill-impjieg izda mhux dakinhar li Schembri qallu biex l-ghada ma jidholx ghax-xoghol izda meta cemplulu fuq il-landline. Huwa jghid li kien infurmahom li kellu l-mobile imkisser. Dan gara xi jumejn jew tlett ijiem wara. Huwa spjega li jahdmu 2 days on u 2 days off u ghalhekk sospiz kien meta qallu ppancja u itlaq. Huwa jargumenta li Schembri seta' cempillu fuq il-landline ghax jaf li ghandu landline biex jidhol ghax-xoghol. U jghid li l-ghada stess kien avza lis-Surveillance Manager li m'ghandux mobile ghax kien inkisirlu. Huwa jammetti li bil-miktub ma kellu xejn li kien sospiz u li l-sms's ma rcieva xejn ghax il-mobile kien kissru bir-rabja li kellu meta qalulu biex ghax-xoghol l-ghada ma jmurx.

Fis-seduta tal-21 t'Ottubru, 2016, intwera l-video u xehed Benny Maree u spjega dak li kien qed jara fil-video li juri lil Vella ikellem lill-klijent u li fis-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2016, Maree kkonferma li huwa ma sabx any additional footage dwar dak li gara fuq barra tal-casino.

Fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2017, xehdet Tanya Burgos Surveillance Manager mas-socjeta' ntimata minn Awissu u li ma kienitx ghadha bdiet tahdem mas-socjeta' ntimata meta gara l-kaz tar-rikorrent Vella. Hija spjegat li r-recordings tas-CCTV cameras fuq barra jinzammu sa zmien massimu ta' sebat ijiem u wara s-sistema over records.

Ir-rikorrent permezz ta' email tat-12 t'April, 2018, ddikjara li ma fadallux aktar provi.

Il-partijiet xtaqu jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet.

Is-socjeta' ntimata fin-nota taghha tikkontendi li r-rikorrent ma tkecciex dakinhar li qalulu biex l-ghada ma jidholx ghax-xoghol izda biss gie dirett li ma jidholx ghax-xoghol u meta gie mitlub imur fl-ufficini tas-Superjuri tieghu huwa naqas milli jobdi u baqa' assenti minghajr ma kkuntattja lis-Superjuri tieghu tant li ghaddew jumejn u fuqhom.

Skond is-socjeta' ntimata r-rikorent gab fuqu dak li sehh – ma marx ghax-xoghol u dan ifisser abbandun tal-impjieg u l-istess socjeta' tishaq li Vella ma tkecciex minhabba l-incident mall-klijent izda ghax huwa abbanduna l-impjieg tieghu.

Ir-rikorrent Vella permezz ta' email tal-11 ta' Settembru, 2018, informa lit-Tribunal li l-kaz jista' jibqa' ghad-decizjoni stante li Vella ma kienx ser jipprezenta nota responsiva.

## <u>Ikkunsidra ulterjorment</u>

Li Vella kien impjegat b'kuntratt indefinit bhala Security Officer mas-socjeta' ntimata ma hemmx kontestazzjoni.

Il-kontestazzjoni hija dwar jekk Vella abbandunax ix-xoghol meta huwa ma rrapurtax ghax-xoghol meta gie mitlub jaghmel dan u ghalhekk gie terminat lilu l-impjieg. Vella jichad li gie mitlub jirraporta ghax-xoghol u li skond hu meta Eric Schembri qallu biex ma jirraportax ghax-xoghol, jippancja u jitlaq u kien qed jistenna lill-kumpanija tghidlu meta ghandu jirraporta ghax-xoghol.

Li bhala sekwenza tal-fatti dawn mill-provi prodotti graw kif gej:

Fl-1 ta' Settembru, 2012, fis-6.30am fil-gurnata tas-sibt gara l-incident ftit qabel spicca mix-shift.

Fl-1 ta' Settembru, 2012, Eric Schembri qal lir-rikorrent li biex l-ghada ma jidholx ix-xoghol.

Sibt l-ewwel ta' Settembru, 2012, Hadd 2 ta' Settembru, 2012, u Tnejn 3 ta' Settembru, 2012, huwa kien off.

Tnejn 3 ta' Settembru, 2012, Vella ha statement li kien mitlub jaghmel minn Eric Schembri wara li kien cempillu.

Fl-4 tax-xahar it-Tlieta Sarel Maree Surveillance and Security Manager mas-socjeta' ntimata cempillu darbtejn u kellmu fuq it-telephone u nfurmah li fl-4 u 5 ta' Settembru kellu jidhol ghax-xoghol izda ma dahalx.

Fis-6 tax-xahar huwa rega' kellmu u qallu biex jidhol xoghol l-ghada u qallu li ma jistax minhabba li kellu funeral tal-familja u qallu ok izda qallu li kien ser jerga' jcempillu qabel ix-shift tieghu li jmiss ghax kien jaf li kien ser jinghata warning. Izda ma rnexxilux jikkuntatja lil Vella u baghtulu ittri by hand skond l-istess Maree.

Fl-ittra tat-8 ta' Settembru, 2012, SM2 – Sarel Maree xehed li baghat by hand lil Vella jinfurmah li l-ghada fid-9 ta' Settembru, 2012, huwa ghandu jidhol xoghol fis-7am (seduta 08.04.2013) izda Vella ma rrappurtax ghax-xoghol. Tali ittra intbaghtet by hand fl-indirizz li l-kumpanija ghandha ta' Vella izda huwa xorta ma rrappurtax ghax-xoghol.

Fit-8 ta' Settembru, 2012, Vella mar il-casino u dan jidher mis-surveillance footage tal-istess kumpanija izda mhux ghax-xoghol u kien liebes ilbies normali u mar biex jiehu xi haga mil-locker. Frans Farrugia l-Assitant Surveillance Manager irrappurtalu x'kien ghamel Vella.

SM3 – ittra tad-9 ta' Settembru, 2012, li Maree rega' baghat lil Vella bhala Final Notification jinfurmah li huwa ma marx xoghol fid-9 ta' Settembru fix-shift li beda fis-7am u li ghalhekk fl-10 ta' Settembru, 2012, fl-10am huwa kellu jattendi ghal laqgha mall-kumpanija u jekk ma jaghmilx dan il-kumpanija tqisu bhala li abbanduna x-xoghol (seduta 08.04.2013).

Gara li Vella nfurmah li l-mobile tieghu tkisser waqt il-funeral u Vella fl-10 ta' Settembru, 2012, mar ghal-laqgha u gie nfurmat li l-Bord tad-Diretturi ddecieda li jittermina l-kuntratt tax-xoghol ta' Vella ghax ma kienx persuna affidabbli.

Eric Vella Assistant Security Manager ma' l-istess kumpanija jikkonferma li Vella ma dahalx ghax-xoghol is-Sibt 8 ta' Dicembru fis-7am u huma ppruvaw icemplulu u l-mobile kien not in a position to respond. Xi tlett sieghat jew erba' sieghat wara Vella tfacca u s-Security qalulu li ghandu ittra minghand il-Managers u huwa ma ridhiex. Huwa xehed li kienu baghtulu biex jattendi x-xoghol fid-9 ta' Settembru l-ghada l-Hadd izda rega' ma marx u aktar tard mar fuq ix-xoghol 'qisu biex jisfida' skond ix-xoghol.

It-Tnejn 10 ta' Settembru, 2012, itterminawlu l-impjieg.

Ir-rikorrent jikkontendi li huwa ma rcieva ebda komunikazzjoni qabel ma l-kumpanija cemplitlu d-dar u rrispondiet it-telephone ommu u dan kien fid-9 ta' Settembru, 2012, u li

inoltre setghu tawh warning u mhux terminazzjoni ta' mpjieg galadarba huwa qatt qabel ma rcieva warnings la verbali u lanqas bil-miktub kemm kien ilu jahdem mall-kumpanija.

**<u>Apprezzament ta' provi:</u>**

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, l-kriterju determinanti m'huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il- gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 t' April 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2004 fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta'*

*presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew ikollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l- kriterju m'huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal- hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mall-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil- kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."* L-istess jghodd ghal procedura quddiem dan it-Tribunal.

Mill-analizi tal-provi prodotti Vella ma rnexxilux jikkonvinci lil dan it-Tribunal li huwa ma kienx ircieva l-ittri by hand id-dar fejn jghix biex huwa jidhol ghax-xoghol anzi jirrizulta li minflok xoghol huwa mar fuq il-post tax-xoghol bil-flokk tac-cingi u ha xi affarijiet mil-locker. Ghalkemm huwa jghid li kellu l-mobile bil-hsara jirrizulta mill-atti li huwa gie kkuntattjat darbtejn bit-telephone u anke intbaghtu lilu zewg ittri by hand li huwa ghazel li ma jinjorax biss l-ahhar wahda anzi fl-ewwel ittra biex huwa jidhol ghax-xoghol huwa mar fuq il-post tax-xoghol izda biex jigbor xi affarijiet mil-locker tieghu.

Dan it-tribunal ihoss ghalhekk li ma jistax jaccetta l-verzjoni ta' Vella u dan peress li l-verzjoni tieghu hija ghal kollox inverosmili u dan ghaliex la darba huwa kien mitlub jidhol ghax-xoghol u ma dahalx u mill-kumpless tal-provi jirrizulta li dak li gara kien effettivament li Vella abbanduna x-xoghol tieghu u rrizenja mill-posizzjoni tieghu u jinghad ukoll li bl-agir tieghu huwa wera dan b'mod manifest uinekwivoku li huwa ma kienx dispost li jkompli jaghmel ix-xoghol tieghu meta dakinhar li suppost dahal xoghol mar fuq il-post tax-xoghol jiehu xi haga mil-locker tieghu. Huwa inutli ghal Vella li jwahhal f'Eric Schembri ghax xorta jibda responsabbli huwa li kellu jcempel ix-xoghol huwa sabiex jara meta kien ser jidhol xoghol anke kieku l-kumpanija ma baghtitlux l-ittra tinfurmah biex jidhol xoghol.

Fid-dawl ta' dan kollu ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn dan it-Tribunal Ii f'dawn ic-cirkostanzi jirrizulta li Vella kien irrizenja mix-xoghol u allura d-difiza tas-socjeta' appellata hija korretta u dan it-Tribunal qed jaccetta l-verzjoni taghha liema verzjoni hija l-aktar kredibbli u hija korroborata b'diversi dokumenti u xhieda  mentri r-rikorrent Dennis Vella kien aktar f'mohhu f'dawn il-proceduri jillimita ruhu ghall-agir xejn tajjeb tal-klijent milli ghal dak li gara wara u cioe' ma semma xejn dwar l-ewwel ittra li rcieva by hand id-dar izda baqa' jinsisti li l-mobile tieghu l-ewwel kien bil-hsara u mbaghad li kien tfakkar waqt il-funeral li kellu, u ghalhekk dan it-Tribunal jasal biex jemmen il-verzjoni tas-socjeta' ntimata li kellha a just and sufficient cause biex tittermina l-impjieg ta' Dennis vella u ma temminx lir-rikorrent Dennis Vella meta jghid li huwa ma marx ghax-xoghol ghax kien qed jistenna lill-kumpanija tibghat ghalih.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jichad it-talbiet tar-rikorrent Dennis Vella.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dr Anna Mallia**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**